# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru 124/2020/1 FDP**

Fl-ismijiet

**Allan Mizzi f'ismu proprju kif ukoll bħala leġittimu rappreżentant ta' ibnu minuri Ethan stante li ngħata l-kura u kustodja tiegħu b'digriet tat-8 ta' Novembru 2018, kif ukoll bħala kuratur 'ad litem' ta' ibnu minuri Ethan**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat u Elizaveta Mizzi Lampetova**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors għall ħruġ ta' miżura provvizorja ippreżentat kontestwalment mar-Rikors Kostituzzjonali fl-istess ismijiet u lkoll ġew ippreżentati fis-6 ta' Lulju 2020.

2. Rat illi fir-rikors għall-ħruġ ta' miżura provvizorja meritu tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti qajjem is-segwenti vertenzi:

    a. Illi r-rikorrent Allan Mizzi u l-intimata Elizaveta Mizzi Lampetova huma miżżewġin u għandhom tifel ta' sebgħa snin jismu Ethan.

    b. Illi l-partijiet sseparaw de facto u, wara li għaddew minn proċeduri ta' medjazzjoni, nedew il-proċeduri ta' separazzjoni.

c. Illi r-rikorrent jikkontendi illi l-intimata qiegħda f'relazzjoni ma' persuna bl-isem ta' Kevin Sammut li, r-rikorrent jikkontendi "*huwa mdaħħal sew fid-dinja tad-droga*" u li jinsab f'pussess ta' varji oġġetti relatati mad-dinja kriminali, fosthom "*numru ta' submachine guns*".

d. Illi waqt il-proċeduri ta' medjazzjoni, ir-rikorrent talab u ottjena l-kura w kustodja tat-tifel Ethan, u dana b'digriet tat-8 ta' Novembru 2018.

e. Illi waqt l-istess proċeduri ta' medjazzjoni, fl-istess digriet illi ta l-kura w kustodja tat-tifel minuri lir-rikorrent, l-intimata ingħatat id-dritt ta' aċċess għall-minuri Ethan fi ġranet u ħinijiet prefissi, u dana " *ma jsirx taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ*" u illi "*fl-ebda ħin ma jista' jkun preżenti għall-aċċess l-imsemmi Kevin Sammut*".

f. Illi sussegwentement, l-intimata Elizaveta Mizzi Lampetova nediet proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja u, quddiem l-Qorti tal-Familja, ir-rikorrent talab, fost affarjiet oħra, illi l-aċċess ta' l-intimata jkun sorveljat.

g. Illi fit-28 ta' Ottubru 2019, il-Qorti tal-Familja ma laqgħetx it-talba tar-rikorrenti u, minflok, akkordat id-dritt ta' l-intimata illi tiġbor it-tifel direttament mill-iskola fil-ġranet meta jkollha aċċess hi filwaqt illi żiedet kundizzjonijiet addizzjonali, fosthom ta' aċċess audio-viżwali fil-jiem meta t-tifel ikun mar-rikorrent.

h. Illi fid-29 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrent talab illi jingħata l-fakulta' li jappella minn tali digriet iżda, fl-10 ta' Diċembru 2019, ċaħdet it-talba tar-rikorrent.

i. Illi, nelfrattemp, fil-31 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrent talab ir-rikuża tal-Imħallef li kienet qed tippresjedi fuq il-kawża bejn il-partijiet, liema talba kienet sussegwentement irtirata mir-rikorrent "*peress li tali talba kienet ser twaqqaf it-talba urġenti għas-sospensjoni tal-aċċess*", imsemmi aktar 'l fuq.

j. Illi fit-23 ta' Diċembru 2019, ir-rikorrent reġa', għal darba oħra, talab ir-rikuża tal-Imħallef li kienet qed tippresjedi fuq il-kawża bejn il-partijiet, liema talba ġiet miċħuda mill-Qorti fis-17 ta' Ġunju 2020.

k. Illi sussegwentement, fis-6 ta' Lulju 2020, ir-rikorrent ippreżenta kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), li magħha sar kontestwalment ir-rikors odjern, fejn talab, fost affarjiet oħra, illi "*tordna li l-każ jiġi assenjat lill-ġudikant ieħor*"

l. Illi, permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent talab is-segwenti:

*Illi l-kawża numru 15/2019 JPG tinsab differita għall-10 ta' Lulju 2020 fin-12.30 ta' wara nofsinhar.*

*Illi fid-dawl taċ-ċirkostanzi hawn fuq imfissra, ir-rikorrent proprio et nomine qiegħed jippreżenta kontestwalment rikors għall-ħruġ ta' miżura provvizorja b'urġenza sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tiegħu u ta' ibnu Ethan sabiex l-Onorevoii Mħallef Jacqueline Padovani Grima ma tkomplix tisma' u tiddeċiedi l-kawża kif ukoll kull proċedura oħra li tintalab quddiemha.*

*Għaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent proprio et nomine jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura li ma jkunx hemm vjolazzjonijiet tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti , u dan billi tordna li l-kawża u l-proċeduri relattivi u sussegwenti jiġu assenjati lil ġudikant ieħor sakemm tiġi deċiża l-kawża kostituzzjonali odjerna, b'riserva tad-drittijiet spettanti lir-rikorrenti fir-rigward tal-vjolazzjonijiet li diġa' seħħew.*

3. Rat illi fis-6 ta' Lulju 2020, il-Qorti laqgħet it-talba provviżorjament u appuntat ir-rikors għat-trattazzjoni għall-15 ta' Lulju 2020.

4. Rat illi fl-14 ta' Lulju 2020, l-Avukat tal-Istat laqa' għal dak mitlub billi qajjem varji difiżi fosthom is-segwenti:

    a. Illi ma jeżistux l-elementi meħtieġa mill-Liġi għall-akkoljiment tat-talba.

    b. Illi l-għoti ta' tali miżura hija meqjusa bħala ta' "*eżerċizzju eċċezzjonali u straordinarju*", li fil-każ odjern ma japplikax.

    c. Illi r-rikorrent ma huwiex ser ikun preġudikat f'każ illi titkompla l-kawża fil-Qorti tal-Familja

5. Rat illi fil-15 ta' Lulju 2020, meta r-rikors kien appuntat għat-trattazzjoni, rriżulta illi l-intimata Elizaveta Mizzi Lampetova ma kenitx għadha ġiet notifikata u għalhekk it-trattazzjoni finali ma setgħetx issir, u l-kawża ġiet differita għall-24 ta' Settembru 2020.

6. Rat illi fit-2 ta' Settembru 2020, l-intimata Elizaveta Mizzi Lampetova laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

    a. Illi ordnijiet provviżorji jingħataw biss f'każijiet ta' urgenza estrema fejn in-nuqqas ta' ordni twassal għall-ħsara illi ma tistax tissewwa.

b. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija parti minn '*Attempted Judicial Intimidation*' li r-rikorrent qiegħed jittenta kontra l-Ġudikant li tippresjedi l-Qorti tal-Familja.

7. Rat illi fit-18 ta' Settembru 2020, ir-rikorrent għażel illi jippreżenta nota risponsiva addizzjonali, għalkemm mhux awtorizzat minn dina l-Qorti, liema nota ma ġietx sfilzata minn dina l-Qorti, kif hekk mitlub mill-intimata fl-24 ta' Settembru 2020, għall-ekonomija tal-ġudizzju u sabiex jiġi assikurat illi r-rikors jinstema' u jiġi deċiż.

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fl-24 ta' Settembru 2020, wara liema data il-kawża tħalliet għal deċiżjoni.

## Ikkunsidrat

9. Jirriżulta illi permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill dina l-Qorti sabiex twaqqaf il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja ppresjeduta mill-Imħallef Jacqueline Padovani Grima, liema talba intlaqgħet proviżorjament fis-6 ta' Lulju 2020.

10. Jirriżulta wkoll illi, permezz ta' l-istess proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil dina l-Qorti sabiex tordna illi l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja jinstemgħu quddiem ġudikant ieħor "*sakemm tiġi deċiża l-kawża kostituzzjonali odjerna*",

11. Jirriżulta illi, fir-Rikors Kostituzzjonali, ir-rikorrent qiegħed ukoll jitlob illi l-każ jiġi assenjat lill-ġudikant ieħor.

12. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna hija waħda sabiex dina l-Qorti, fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, toħroġ ordni ta' natura temporanja.

13. Il-Qorti, hawnhekk, tagħmel referenza għall-prinċipji legali illi jirregolaw il-ħruġ ta' dawn l-ordnijiet, liema prinċipji legali ġew imfissra sew fis-sentenza '**Emmanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et**' deċiża fit-2 ta' Ġunju 2014, fejn il-Qorti għamlet referenza għall-prinċipji li jirriżultaw minn każistika tal-Qorti ta' Strasburgu kif ukoll ta' awturi rinomati fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, u qalet is-segwenti:

> *"Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment [fn. 2 Q.E.D.B.* ***6.2.2003*** *fil-kawża fl- ismijiet* ***Mamatkulov et vs Turkija*** *(Applik. Nru. 46837/99) § 110] . F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu [fn. 3 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak* ***Theory & Practice of***

***the European Convention on Human Rights** (4th Edit, 2006) §.2. 2.8.3, p. 113]. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ [fn.4 Deg P.A. (Kost.) AE **16.4.2014** fil-kawża fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et.**] ;*

*"Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha."*

*"Fil-ktieb **"A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights"** (4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid tgħid illi :-*

> *"As a general practice, measures (riferibbilment għal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb ... While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferibbilment għar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*"L-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jsostnu li: "After articles 2 and 3,*

> *"..... Another category is when immigrants are to be deported from a contracting party and allege only that the deportation will violate their private and family life, the rest of the family residing in the contracting party concerned. Rule 39 will only be applied exceptionally in such cases (indeed there would be a presumption that it would not be applied 6 **Law of the European Convention on Human Rights** (3rd Ed.) p 142 since it is rare that the ' irreparable damage test' will be met."*

*"Hekk ukoll illi fil-paġna 113 et seq. tal-ktieb "**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"** (Raba` Edizzjoni – 2006 - Intersentia) l-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak, jgħidu – "... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated : the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result*

*in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination!".*

14. Jirriżulta wkoll illi, kif qalet il-Qorti fl-istess kawża fuq indikata,

*Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita` u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment . F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ"*

15. Jirriżulta, finalment, illi kif intqal fil-kawża **Angelo Frank Paul Spiteri vs L-Avukat Ġenerali**:

*Fl-ewwel lok jiġi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jażżarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtieġilha tagħmel [fn. 10 Ara Q. Kost. Joseph Camilleri v. Avukat Ġenerali, 1/7/2013, li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4 ediz. 2006, pagna 113)]. Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali [fn. 11 Ara Q. Kost. Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et, 22/8/2005 #7, #11] . [Q.Kost. Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali Kompetizzjoni, deċiża 25 ta' Settembru 2014]".*

16. Jirriżulta, fil-każ odjern, illi l-elementi ta' urġenza u ħsara irreparabbli fuq imsemmija ma ġewx debitament ippruvati u dana stante illi, għalkemm huwa minnu illi r-rikorrent jikkontendi illi l-Qorti tal-Familja, kif ippresjeduta mill-Imħallef Jacqueline Padovani Grima, pprovdiet drittijiet ta' aċċess li, skond hu, qiegħed jikkawża ħsara irreparabbli lit-tifel minuri Ethan ma hijex korroborata minn ebda persuna kwalifikata f'dak il-qasam u hija dettata unikament mill-fatt illi għaddejjin proċeduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet, u xejn aktar.

17. Jirriżulta wkoll illi t-talba li l-każ jiġi assenjat lill-Ġudikant iehor hija wkoll kontemplata fil-kawza Kostituzzjonali illi r-rikorrent nieda konteswtalment mal-kawża odjerna, u għalhekk ikun prematur li dina l-Qorti taċċedi għal tali rikjesta

qabel mal-fatti u l-bażi legali tal-kawża Kostituzzjonali jiġu esposti u finalment deċiżi.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha fl-ambitu ta' dana ir-rikors;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talba tar-rikorrent Allan Mizzi kif dedotta, u għalhekk

**Tirrevoka** d-digriet tagħha tas-6 ta' Lulju 2020 fejn laqgħet it-talba rikorrenti proviżorjament.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur